**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 567/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 348/1973)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti kien izzewweg lill-konvenuta fit-3 ta' Frar tas-sena 1970 u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt'itfal (2) li illum huma Ikoll adulti;

2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Sandra Valentino datat wiehed u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn (21.02.2000) (Vide Dok. CB);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu mantenimentonghand xulxin; filwaqt li l-ulied huma lkoll adulti u indipendenti u ebda mantenimenta huwa dovutehalihom;

4. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum ilgurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Frar 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.